Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9868 — Raytheon Technologies Corporation/Saudi Arabian Oil Company/Middle East Cyber Services JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 205/11)

1. Fit-12 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Raytheon Saudi Arabia ("Raytheon Saudi", l-Arabja Sawdija), sussidjarja indiretta li hija proprjetà kollha kemm hi ta' Raytheon Technologies Corporation ("Raytheon", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— The Saudi Aramco Development Company ("SADCO", l-Arabja Sawdija), sussidjarja li hija proprjetà kollha kemm hi ta' The Saudi Arabian Oil Company ("Saudi Aramco", l-Arabja Sawdija),

— Middle East Cyber Services Company Limited (l-Arabja Sawdija).

Raytheon Saudi u SADCO jakkwsitaw il-kontroll bi sħab, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, tal-Middle East Cyber Services Company Limited kollha kemm hi, joint venture bil-funzjonijiet kollha li għandha tkun stabbilita fir-Renju tal-Arabja Sawdija (il-"JV").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Raytheon: kumpanija attiva fl-ajruspazju u d-difiża u li tipprovdi sistemi avvanzati u servizzi għal klijenti kummerċjali, militari u statali madwar id-dinja.

— Saudi Aramco: kumpanija b'ishma bi sħab primarjament involuta fl-esplorazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' żejt mhux maħdum u, sa ċertu punt, fil-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti raffinati u ta' prodotti petrokimiċi.

— il-JV: il-kummerċjalizzazzjoni, il-bejgħ u l-provvista ta; prodotti u servizzi għad-difiża taċ-ċibersigurtà fir-Renju tal-Arabja Sawdija u fir-reġjun tal-Lvant Nofsani/tal-Afrika ta' Fuq.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9868 — Raytheon Technologies Corporation/Saudi Arabian Oil Company/Middle East Cyber Services JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË